MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2014

Appell Kriminali Numru. 528/2012

Il-Pulizija

(Spettur Spiridione Zammit)

vs

**Silvio Camilleri**

iben Carmel, imwieled Pieta', fl-10 ta' Marzu, 1984, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 163884(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Silvio Camilleri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'dawn il-Gzejjer, fl-20 ta' Frar, 2009 ghal habta tal-10.30am u matul l-ahhar xhur qabel din id-data waqt li kien fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u is-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova

li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292 ta' l-1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli b’hekk sar ricediv b’diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f’kaz ta’ sejbien ta’ htija, tapplika l-provediment tal-artikolu 33A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta’ Ottubru, 2012 fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a) u 22(2) (b)(ii) tal-Kapitolu 101 u ir-Regolament 9 tal-GN 292 ta' l-1939 kif ukoll l-artikoli 33A, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabet lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghal piena ta’ 9 xhur habs effettivi.

Il-Qorti ordnat lill-hati jhallas nofs l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti, skont l-artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Silvio Camilleri tas-6 ta’ Novembru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tikkonfermha in kwantu sabitu hati ta' l-akkuzi kollha dedotti kontrih. Tirrevoka in kwantu kkundannatu ghal piena karcerarja ta' disa (9) xhur habs effettivi u konsiderando c-cirkostanzi kollha tal-kaz partikolari titratta mieghu xort'ohra b'mod, senjatament, li tnehhielu l-piena karcerarja msemmija nflitta mill-Ewwel Qorti jew alternattivament tirriduciha ghal dik il-piena li aktar tixraq ghal dan il-kaz partikolari, u tnehhielu l-hlas ta' nofs l-ispejjez relatati mal-hatra tal-periti.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-piena nflitta ta' 9 xhur habs effettivi hija wisq eccessiva meta tqies ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz ta' semplici pussess ta' eroina ta' xejn aktar minn 0.1 gramma, akkuza li normalment iggib maghha multa u mhux piena karcerarja. Inoltre, l-esponent ikkopera mal-Pulizija u addirittura ghamel ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, haga li anki l-Ewwel Qorti stess stqarret.

Illi anki l-hlas ta' nofs l-ispejjez tal-hatra tal-periti tkun tfisser aktar piena karcerarja ghax huwa flus ma ghandhux u allura ser ikollu jiskonta aktar granet fil-habs flok ihallas din il-parti tieghu ta' l-ispejjez.

Illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tqis ukoll illi l-epsonent mhux biss ghadda minn procedura penali izda wkoll gie sottomess ghall-proceduri dixxiplinari u tpogga f'Division 6 li huwa maghruf bhala d-divizjoni tal-kastig fejn la jkollok telefonati, la televizjoni, la fan, la viziti u fi ftit kliem bla ebda privileggi.

Illi huwa tajjeb li dina l-Onorabbli Qorti tkun taf li l-esponent jidher hiereg ghal kollox mill-vizzju, u din id-determinazzjoni tista' tikkonfermah il-probation officer tieghu Maryln Attard ghax kull meta talbitu "urine test" dan dejjem irrizulta tajjeb.

Illi l-esponent prezentement qed jiskonta sentenza ta' prigunerija dovut ghall-fatt li f’hajtu huwa ffrekwenta kumpannija hazina. Pero ', kemm ilu fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin huwa tghallem is-sengha ta' kok, sengha li facilment issiblu xoghol la darba jergghha jintegra ruhu fis-socjeta'. Fil-fatt, l-esponent ghandu johrog f'April 2013 u jittama serjament li ma jergghax jaghmel l-izbalji li kkometta fil-passat ghax ilium taghallem hafna mill-istess zbalji tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:

Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef; kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi dan l-appell jirrigwarda l-piena erogata mill-ewwel Qorti kif ukoll l-ispejjez li l-imputat appellant gie kkundannat li jhallas.

Illi dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti ftit hemm xi tghid. L-appellant fis-seduta tad-9 ta' Novembru, 2011 kien ammetta l-htija tieghu. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti kienet korretta fl-erogazzjoni tal-piena. Hawnhekk, ghandu jigi rilevat li l-appellant ghandu

fedina penali twila. Mix-xhieda ta' Victoria Scicluna li hi l-persuna li qed isegwi lill-appellant jirrizulta li l-appellant ghandu motivazzjoni qawwija u milli fehmet din il-Qorti hu ghandu jidhol fi programm biex jeghleb il-vizzju tieghu. Ma danakollu, il-piena applikata mill-ewwel Qorti hi fil-parametri u ghalhekk ma jkunx opportun li f'tali cirkostanzi tbiddel il-piena.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez, l-ewwel Qorti ddecidiet li taqsam l-ispejjez ta' l-inkjesta bejn tnejn in-nies, l-appellant u persuna ohra akkuzata bl-istess reat fi procediment differenti. Ma hemm xejn ingust fil-fatt li l-ispejjez gew maqsuma, anzi l-ewwel Qorti kienet iktar minn korretta meta qasmet l-ispejjez ugwalment.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell ta' Silvio Camilleri u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------